MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 724/2002/1

**Middle Sea Insurance plc f'isimha propju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta` Salvo Grima & Sons Limited**

**v.**

**Medserv Limited f'isimha propju u bhala agent tas-socjeta` estera AGIP OIL, u H. Mifsud & Sons Ltd. bhala agent tas-socjeta` estera Augusta Supply Services S.p.A.**
**armaturi tal-bastiment m/v Asso 11.**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell maghmul mis-socjeta` konvenuta Medserv Limited [is-socjeta` appellanti] f'isimha proprju u bhala agent tas-socjeta` estera AGIP OIL [AGIP], minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Prim' Awla Civili li biha ikkundannat lis-socjeta` appellanti bhala agent tas-socjeta` AGIP thallas lis-socjeta` Middle Sea Insurance [is-socjeta` appellata] is-somma ta' hmistax-il elf, tliet mija u hamsa u erbghin Euro u hamsa u tletin centezmu [€15,345.35], bhala danni, wara li lliberat mill-osservanza tal-gudizzju lis-socjeta` H.  Mifsud & Sons Ltd u lill-istess socjeta` appellanti fil-kwalita` personali taghha; u ordnat li l-ispejjez ta' H.  Mifsud & Sons ikunu a karigu tas-socjeta' attrici, filwaqt li l-ispejjez l-ohra fic-cirkostanzi jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.

Is-socjeta` appellanti qed titlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn illiberat lill-istess socjeta` mill-osservanza tal-gudizzju tirrevokaha fejn cahdet l-eccezzjonijiet l-ohra taghha u kkundannatha thallas l-imsemmija somma, inkluz parti mill-ispejjez.

Min-naha taghha s-socjeta` appellata, [Middle Sea], ghar-ragunijiet minnha moghtija fir-risposta taghha, talbet li s-sentenza tigi konfermata, izda bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tas-socjeta` appellanti.  Is-socjeta` appellata l-ohra, H.  Mifusd & Sons Ltd, ukoll talbet il-konferma tas-sentenza u li hi m'ghandhiex tbati spejjez.

**<u>Il-Fatti</u>**

Il-fatti relevanti huma dawn.

Is-socjeta` AGIP ordnat minghand il-Corinthia prodotti tal-ikel biex jigi supplit lil wahda mir-*rigs* taghha taz-zejt DP4 sitwat fl-ibhra territorjali tal-Libja [Bouri Field].

Fis-26 ta' Gunju 2001 dawn il-prodotti tal-ikel, mibghuta mill-Corinthia, gew stivati go *reefer container* [*refrigirated container*] mis-socjeta` esportatrici Salvo Grima & Sons Ltd f'wiehed mill-imhazen taghhom, u, wara li gie ssigillat fil-prezenza tar-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana,

intbaghat l-ghada 27 ta’ Gunju ghand is-socjeta` appellata fejn tghabba fuq il-vapur m/v Asso 11 li telaq minn Malta bil-*container* dakinhar stess.

Meta l-*container* wasal ir-*rig*, l-operaturi tar-*rig* irrifjutaw li jaccettaw il-konsenja peress li l-prodotti tal-ikel skont huma kienu jintnu, u ghalhekk baghtuh lura Malta fejn irrizulta li l-ikel kien hzien ghax it-temperatura tal-*container* ma kinitx inzammet tmintax-il grad celsius taht iz-zero (-18°C) kif kellha tkun ghall-prezervazzjoni tal-ikel, imma kienet gholiet hames gradi celsius taht iz-zero (-5°C). Dan kien dovut ghall-fatt li l-*phase* kien qed jahdem bir-*reverse*, u cioe` kien jitfa’ l-kesha ‘l barra minflok il-gewwa, bir-rizultat li, it-temperatura gewwa gholiet.

Peress li l-merkanzija kellha kopertura assikurattiva mas-socjeta` appellata Middle Sea, din hallset id-danni fl-ammont ta’ sebat elef, mija u tmienja u disghin Liri antiki u hamsa u sebghin centezmu (Lm7,198.75), inkwantu ghal mitejn u tnax-il Lira antiki u hamsa u sebghin u centezmu (Lm212.75) bhala *survey fees* u sitt elef, disa’ mija, sitta u tmenin Liri antiki (Lm6,986) bhala danni riportati, lis-socjeta` assigurata taghha bil-konsegwenzjali surroga.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>
Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“- - Omissis - -

“Illi ma hemmx dubju li l-ikel mibgħut bil-*container* in kwistjoni ġie ritornat Malta fi stat ħażin u kellu jiġi meqrud; Għalhekk ukoll ma hemmx dubju li s-soċjeta’ attriċi ħallset il-ħsara ndikata. Il-kwistjoni hija biss dwar min jaħti għal din il-ħsara, u allura min għandu jwieġeb għaliha. Is-soċjeta’ attriċi tindika fl-istess nota ta’ sottomissjonijiet tagħha illi hija qed tippretendi li titħallas mingħand is-soċjeta’ Medserv bħala aġent ta’ Agip Oil. Da parti tagħha s-soċjeta’ Medserv qed tikkontesta sija li l-ħsarat saru meta l-*container* kien fir-responsabbilta’ tagħha, u anke li hija rappreżentanta ta’ Agip Oil bħala tali, iżda biss għandha kuntratt magħha biex tieħu ħsieb tal-ħatt u

tagħbija tal-merkanzija. Għandu jingħad li s-soċjeta' konvenuta l-oħra H. Mifsud & Sons Ltd. filwaqt li eċċepiet li mhijiex mandatarja tas-soċjeta' Augusta, ma ressqitx provi.

"Illi l-Qorti hija konvinta li l-ħsara seħħet waqt it-traġitt għaliex ma hijiex sodisfatta mill-provi mressqa mis-soċjeta' Medserv illi kien hemm xi difetti fil-*container* qabel ma dan ġie mgħobbi, u għalhekk il-kwistjoni prinċipali li l-Qorti trid tiddeċiedi hija jekk is-soċjeta' Medserv *nomine* għandhiex tiġi konsiderata responsabbli mill-*punto di vista* legali. Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Alfred Calleja et nomine vs Carmelo Ellul Sullivan noe et"** (per Imħallef Philip Sciberras) deċiża fil-15 ta' Diċembru 2004 qalet illi:

*"Kif rikonoxxut hemm diversi kwalitajiet ta' aġenziji marittimi u n-natura ġuridika tagħhom tvarja skond il-funzjonijiiet li jiżvolġu u tista' wkoll tvarja minn każ għall-każ (**"Vivian J Bianchi nomine vs Edward Sullivan et nomine"** – Qorti tal-Kummerċ (per Imħallef George Schembri) deċiża fit-8 ta' Marzu 1979). Ġia' f'sentenza anterjuri għal din l-Onor. Imħallef Tancred Ġouder kien iddisenja u ddistingwa tliet xorta ta' rakkomandatarji, ossia:*

*"1. Is-sempliċi konsenjatarji jew aġenti tal-vapur illi jiġu magħżulin kull darba li l-bastiment imur fil-post fejn joqgħod il-konsenjatarju, fejn ma jkunx hemm rakkomandatarji stabbli u l-fakoltajiet tagħhom huma limitati għall-operazzjonijiet relattivi għal karikament u skarikament ta' bastiment wieħed determinat, f'post wieħed;*

*"2. Ir-rakkomandatarji li huma dawk li jirrappreżentaw lill-artmaturi b'mandat ġenerali għal dak li jirrigwardja l-esekuzzjoni ekonomika u kummerċjali tal-kuntratt tat-trasport li jestendi ruħu għall-operazzjonijiet kollha kemm huma relattivi għall-bastimenti kollha tal-armaturi;*

*"3. Ir-rappreżentanti jew aġenti tas-soċjetajiet ta' navigazzjoni li huma istituti veri u proprji għax jittrattaw*

*u jikkonkludu abtiwalment l-affarijiet kollha tas-soċjeta' li jirrappreżentaw il-post fejn joqogħdu u f'dak il-post huma preposti għall-kummerċ kollu li fl-istess post jiġi eżerċitat mis-soċjeta' mandanti. (Kollz. Vol. XXX1X – p iii-paġna 821).*

*"Issa apparti l-fatt li x-xorta ta' aġenziji marittimi kompliet fiż-żminijiet tal-lum testendi ruħha sew, il-premess iwassal għal din il-konsiderazzjoni. Dejjem fuq l-insenjament tal-imsemmi Imħallef Ġouder: "ir-rappreżentant lokali ta' armature esteru, imbagħad avolja kien sempliċement konsenjatarju tal-bastiment għal dik id-darba biss li l-bastiment kien Malta u hekk kien mandatarju okkażjonali bil-fakoltajiet limitati għall-operazzjonijiet attinenti u konsegwenti għall-fatt tal-karikazzjoni u tal-iskarikazzjoni ta' bastiment determinat, għandu rappreżentanza attiva u passiva tal-armatur għal dawk l-operazzjonijiet speċifiċi u kwindi hu persuna leġittima biex jirrappreżenta lill-armatur f'azzjoni ta' danni pretiżi minn esekuzzjoni ħażina ta' obbligazzjoni assunta għat-trasport ta' merkanzija u għad-danni konsegwenzjali (**Kollezzjoni Volum XLIII – p ii – paġna 856**). Konsegwentement ir-rakkomandatarju jista' jiġi ċitat għan-nom tal-armaturi basta jkunu attijietli ma jeċċedux ta' affair li r-rakkomandatarju hu nkarigat minnhom. Bħala persuni nkarigati bil-konsenja tal-merkanzija huma l-persuni leġittimi biex jirrispondu għal domanda dwar nuqqas ta' konsenja tal-merkanzija. (**Kollezzjoni Vol XL** – pti **iii-paġna 619**)."*

"Illi fil-każ in eżami s-soċjeta' Medserv irrilaxxjat il-manifest tat-tagħbija in kwistjoni bħala *Medserv as agents* (fol 79). Għalhekk kuntrarjament għal dak li qegħda ssostni fil-kawża, hija kienet f'dak il-mument il-mandatarja tas-soċjeta' Agip Oil. Kwindi skond l-insenjament fuq indikat hija għandha ċertament twieġeb għall-azzjoni għad-danni u ma tistax teżonera ruħha u tgħid li mill-mument li l-*container* tgħabba fuq il-vapur hija ħelset minn kull responsabbilta'. Għalhekk it-talba attriċi fil-konfront tagħha fil-kwalita' premessa għandha tiġi akkolta. Rigward l-isem proprju tas-soċjeta' estera għalkemm hemm referenza fin-nota ta' sottomissjonijiet li mhix ċitata bl-isem korrett tagħha ma hemm ebda eċċezzjoni formali

fir-rigward – *semmai* din tista' tikkawża problema fl-esekuzzjoni tas-sentenza li din il-Qorti ma għandhiex tidħol fiha.

"Illi fir-rigward tas-soċjeta' konvenuta l-oħra ma nġabet ebda prova li kienet b'xi mod tirrappreżenta lis-sidien tal-vapur jew li kellha x'taqsam ma' xi soċjeta' li kienet involuta ġuridikament fil-kawża.

"Illi fir-rigward tal-komputazzjoni tad-danni s-soċjeta' Medserv fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha rrimarkat li s-soċjeta' Salvo Grima nkludiet spejjeż li fil-fatt ma jeżistux għaliex kien servizz li rrendiet hija stess; fuq dan il-Qorti taqbel u se tnaqqas l-ammont b'erba' mitt lira Maltin (Lm400); fir-rigward tas-sottomissjonijiet l-oħra ma tħossx pero' li għandha raġun għaliex il-valur tal-ikel kien il-prezz li bih kien se jinbigħ u mhux kemm ġie jiswa lis-soċjeta' msemmija. Għalhekk il-valur totali tal-ħsara huwa ta' sitt elef, ħames mija u ħamsa u tmenin lira Maltin u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm6,585.99c) jew ħmistax-il elf, tliet mija u ħamsa u erbgħin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€15,345.35)."

**<u>L-Appell</u>**

L-appell huwa bbazat fuq hames aggravji: [1] li l-isem korrett tal-kumpanija ndikata mill-appellati bhala AGIP OIL huwa fil-fatt AGIP OIL COMPANY LIMITED; [2] li s-socjeta` appellanti fil-kapacita` personali taghha ma kellhiex tbati spejjez; [3] li l-istess socjeta` m'ghandhiex ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta` AGIP; [4] li l-*container* inkwistjoni qatt ma kien fil-kontroll taghha u hi ma tahti xejn ghall-hsara inkwistjoni; [5] li d-danni gew kalkolati fuq l-*invoice price* u mhux fuq il-*cost price*.

*L-ewwel aggravju*

Dan jirrigwarda l-isem tal-kumpanija ndikata fl-okkju bhala AGIP OIL. Is-socjeta` appellanti ssostni li l-isem proprju huwa AGIP OIL COMPANY LIMITED. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li ghalkemm fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha s-socjeta` appellanti, allura konvenuta, iddikjarat li

dan kien l-isem preciz tal-kumpanija, min-naha l-ohra ma tqajjmitx eccezzjoni formali f'dan is-sens, lanqas intalbet korrezzjoni mis-socjeta` appellata, lanqas fil-grad ta' appell.

Fir-rigward il-Qorti tosserva li, ghall-fini tal-gudizzju kemm tal-ewwel Qorti u kif ukoll tal-gudizzju odjern, dan l-aggravju ftit li xejn ghandu import, tenut kont tal-fatt li l-kumpanija *de quo*, ghalkemm ma gewx inkluzi f'isimha l-kliem *"Company Limited"* hija facilment identifikabbli, tant li l-istess socjeta` appellanti tenniet aktar minn darba l-isem komplet tas-socjeta` Taljana, u ma gie provat u ma gie sollevat l-ebda dubbju li l-isem tas-socjeta` kif indikat fl-okkju, ma kienx jirreferi ghall-kumpanija li qed tikkontesta t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant mhux il-kaz li din il-Qorti izzid aktar dwar dan l-ilment.

*It-tieni aggravju*

Dan hu fis-sens li, ladarba s-socjeta` appellanti f'isimha proprju giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju, hi ma kellhiex tehel spejjez. Il-Qorti tosserva li, ghalkemm is-socjeta` appellanti <u>f'isimha proprju</u> giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju, flimkien mas-socjeta` appellata H. Mifsud & Sons Ltd, fil-parti tad-*decide* l-ewwel Qorti allokat lis-socjeta` appellanti, kemm l-ispejjez tal-imsemmija socjeta` kif ukoll parti mill-ispejjez taghha.

Ladarba s-socjeta` appellanti proprio giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju, allura logikament l-ispejjez taghha ma kellhomx jigu attribwiti lilha, imma *se mai* lilha ghan-nom tas-socjeta` AGIP.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa fondat.

*It-tielet aggravju*

Dan hu fis-sens li s-socjeta` appellanti ma kellhiex ir-rapprezentanza guridika la tas-socjeta` AGIP u lanqas tal-bastiment, imma l-mandat taghha kien limitat biss ghat-

termini tal-ftehim.  Tghid li x-xoghol taghha kien jikkonsisti biss li jassistu lill-imsemmija kumpanija fl-ezekuzjoni tal-kuntratt li kellha mal-Corinthia billi javzaw lill-awtoritajiet tal-port meta jkun diehel il-bastiment u jiehdu hsieb li jghabbu l-merkanzija fil-facilitajiet taghhom.

Tghid:

"Bil-kuntratt esebit il-Medserv giet ikkuntrattata biex taghti s-servizzi specifici li jirrizultaw mill-*scope of work [Exhibit A]* fl-ahhar tal-ftehim.  Dawn jikkonsistu principalment filli tipprovdi facilitajiet ta' hazna fil-proprjeta' [taghha], li tghabbi u thott il-merkanzija tal-kumpanija u tottjeni l-clearance mid-dwana u mill-awtoritajiet tal-port.  Imkien l-esponenti ma hija mahtura agent tal-kumpanija jew ta' xi bastiment.  Medserv wettqet il-mansjonijiet taghha that il-kuntratt korrettement u ma sar ebda ilment dwar dawn is-servizzi jew dwar xi nuqqas tal-Medserv waqt l-ghoti ta' dawn is-servizzi."

Min-naha taghha s-socjeta` appellata Middle Sea ssostni li t-termini tal-kuntratt[1], esebit mis-socjeta` appellanti, bejn din is-socjeta` u s-socjeta` estera AGIP *"huma wiesgha bizzejjed biex jestendu r-responsabilita' taghha qua agent ghal kull ma gara lill-container fuq il-bastiment wara li telaq minn Malta u sa meta wasal fuq ir-rig."*[2]

Din il-Qorti tosserva li, kif senjalat mill-ewwel Qorti, fuq il-*cargo manifest,* redatt mir-rapprezentant tas-socjeta` appellanti, hemm indikat li Medserv kienet qed tidher bhala agent: *"Medserv as agents";* u ghalhekk f'din l-operazzjoni, li kienet tinvolvi mhux biss il-garr tal-*container* ghal fuq il-vapur, izda wkoll it-trasport tieghu lejn ir-*rig*, is-socjeta` appellanti kienet fil-fatt qed tagixxi ghan-nom tas-socjeta` AGIP.

Dan wara kollox hu konformi ma' dak li hemm espressament indikat fil-kuntratt relattiv taht l-intestatura *"Object Of The Contract"* liema sezzjoni taqra hekk:

---

[1] Dok.  GC2 – Fol.122 *et seq.*
[2] Nota sottomissjonijiet – Fol.  225

*"Contractor* [socjeta' appellanti] *shall provide, in name and on behalf of Company [AGIP] some specified agency and various associated services for the handling, Expatiates in transit from Malta and transportation of Company's materials and equipment between Contractor's base in Malta and Company's offshore platforms in Bouri Field, as more specifically detailed in the Exhibit A "Scope of Work".*

Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm fl-elenku A[3] ntestat *"Scope of Work"* fejn hemm indikat f'aktar dettal ix-xoghol li s-socjeta` appellanti ghandha tghamel f'Malta in ezekuzzjoni tal-kuntratt, mhux indikat it-trasport bil-bahar, dan ma jfissirx li meta l-*container* jigi mghobbi fuq il-vapur ir-rapprezentanza taghha tas-socjeta` AGIP tieqaf hemm, imma r-rapprezentanza tibqa' sakemm il-merkanzija tasal fil-post tad-destinazzjoni taghha, u cioe` fir-*rig* taz-zejt koncernat. Dan hu konformi mal-hsieb baziku tal-kuntratt, u cioe` li s-socjeta` appellanti tirrapprezentaha mill-mument li l-*container* jidhol ghandha, sakemm jasal fid-destinazzjoni tieghu, cioe` l-*"offshore platforms"*.

Ghalhekk fil-kaz in dizamina ma jistax validament jinghad li fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu kontrattwali taghha s-socjeta` appellanti mhijiex tirrapprezenta lis-socjeta` AGIP.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*Ir-raba' aggravju*

Is-socjeta` appellanti ssostni li l-*container* inkwistjoni qatt ma kien fil-kontroll taghha u hi ma tahti xejn ghall-hsara inkwistjoni. Issostni li:
"... hadd ma vverifika il-kondizzjoni tal-ikel fil-kontejner fil-mument li dan gie stivat fuq il-bastiment." Tghid ukoll li t-temperature chart [tacograph] kienet turi li t-temperatura

[3] Mill-kopja tal-kuntratt esebita jidher li ma giex esebit il-kuntratt kollu, jirrizulta car li thalla barra l-Exhibit "B" [possibilment ghax jirrigwarda r-rati tal-*contract*]; lanqas jirrizulta li dan l-elenku huwa ezawrit u li ma jkomplix fuq pagna ohra, izda jidher li dan il-punt ma tqajjimx mill-parti l-ohra, la fl-ewwel istanza u lanqas f'dan l-istadju ta' appell.

fil-container kienet nizlet -15 grad celsius nhar it-Tlieta [26 Gjunu] filghodu, pero’ telghet gradwalment wara nofs in-nhar tal-istess jum u maqghet madwar -5 sal-Hamis 28 ta’ Gunju Tghid li mill-imsemmija chart jirrizulta li fl-ebda hin matul il-jum tal-Erbgha 27 ta’ Gunju it-temperatura kienet -18-il grad. Dan jaghti konfort lix-xhieda ta’ Raymond Borg u Charles Vella, impjegati mas-socjeta’ appellanti, li mpjegati ta’ Salvo Grima kienu qalulhom li l-container kien tahom it-trouble il-jum ta’ qabel.”

Rigward it-*tacograph*[4] esebita, din il-Qorti tosserva li l-provi fir-rigward huma nsodisfacenti. Ma giex provat li din tirreferi ghall-*container de quo*[5] u ma hemmx dati ndikati fuqha. Di piu` ma tressqux provi dwar il-kontenut ta’ din il-prova teknika, salv ghal dak li xehed Paul Ellul, is-*surveyor* li esebixxa d-dokument, u li skont is-socjeta` appellanti qrah hazin.

Minn barra dan, Brian Dalton, ir-*reefer technician*, li allura kien il-persuna idonea biex jispjega d-dokument, ghalkemm fix-xhieda tieghu ma giex riferut ghal din ic-*chart*, waqt il-kontro-ezami, fuq mistoqsija jekk jistax jghid x’gara matul is-sitt ijiem li fihom il-vapur telaq minn Malta u gie lura, jghid: *“No, unfortunately, because that type of container does non have advanced .... Today they have data recorders on them which I can plug into on my laptop and get the information.”* Inoltre, ma tressaq hadd mill-ekwipagg tal-vapur sabiex jixhed f’dan ir-rigward.

Ghalhekk fid-dawl tal-premess il-valur probatorju tal-imsemmi dokument huwa negligibbli.

Rigward dak li qalu x-xhieda Raymond Borg u Charles Vella, din il-Qorti tosserva li din l-allegazzjoni ma ssibx konfort fil-provi, anzi hija kontradetta mill-istess.

Mill-provi jirrizulta li, qabel ma l-*container* intbaghat fil-mahzen sabiex jimtela’ bil-merkanzija, dan kien certifikat mill-imsemmi Brian Dalton, inkarigat mis-socjeta`

[4] Dok. RW3 – Fol.80
[5] Dep. Ray West – Fol.99

esportatrici sabiex jiccekkja jekk il-*container* li jkun ser jitghabba bl-ikel, ikun qed jahdem tajjeb u jkun ilahhaq temperatura ta’ tminax-il grad celsius taht iz-zero (-18°C). Wara li l-*container* gie certifikat tajjeb, dan intbghat fil-mahzen tal-imsemmija ditta u hemm, wara li gie ppluggjat u beda jkessah, gie stivat fih l-ikel mill-i*storekeeper* Henry Falzon Scerri li ccertifika li l-ikel li kien qed jghabbi fil-*container* kien ta’ kwalita` tajba hafna, ukoll, dan ix-xhud ikkonferma li l-*container* kien lahaq it-temperatura ta’ tmintax-il grad celsius taht iz-zero (-18°C).

Dan ix-xhud spjega li l-kuntratt li kellhom kien wiehed tajjeb hafna u, allura anke mil-lat ta’ negozju huma kellhom interess li jassiguraw li l-klijent taghhom ikun sodisfatt.

Inoltre, minn imkien ma rrizulta li l-*container* fil-mahzen ma kienx lahaq it-temperatura necessarja ghall-prezervazzjoni tal-ikel. Sussegwentment filghodu, il-*container* gie splaggjat sabiex jittiehed ghand is-socjeta` appellanti biex jitghabba fuq il-vapur. Wara vjagg fit-triq ta’ circa tmintax (18) -il minuta, il-*container* wasal il-Medserv, u minn hemm minghajr dewmien tghabba fuq il-vapur fuq indikat. Meta kien fuq il-vapur dan gie ppluggjat mill-imsemmi Brian Dalton li vverifika li kien qed jahdem *“perfectly”*.

Dan huwa l-kwadru tal-fatti li wasslu lill-ewwel Qorti sabiex tikkonkludi li l-hsara giet kagunata waqt il-vjagg bil-bahar rizultat tal-fatt li xi hadd nehha l-*plug* u rega’ poggieh izda b’mod li l-*phase* beda jadem *in reverse position* u t-temperatura gholiet ghal hames gradi celsius taht iz-zero (-5°C).

Rigward l-argument tas-socjeta` appellanti li hadd ma vverifika l-kundizzjoni tal-ikel fil-*container* fil-mument li dan gie stivat fuq il-vapur, jinghad li, ghalkemm dan huwa minnu, possibbilment ghax il-*container* kien diga` ssigillat, ma hemm xejn fil-provi li jindika li l-ikel li stiva l-i*storekeeper* Henry Falzon Scerri kien mar jew li t-temperatura tal-*container* kienet nizlet.

Inoltre, irrizulta mix-xhieda tas-*surveyor* Paul Ellul u Brian Dalton, li meta fit-2 ta’ Lulju huma ezaminaw il-*container* fil-*premises* tas-socjeta`appellanti sabu li kien ipplaggjat hazin u li kien qed jahdem *in reverse position*, jigifieri jitfa’ il-kesha barra. Wara li Dalton aggusta l-*plug*, il-*container* beda jahdem kif suppost u t-temperatura gewwa bdiet tiksah.

Ferm il-premess din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti, tenut kont ukoll tal-fatt li x-xhieda kollha nstemghu *viva voce* quddiem dik il-Qorti. Fi kliem iehor, ma jirrizultax li l-apprezzament li ghamlet, kien wiehed zbaljat.

*Il-hames aggravju*

Dan jirrigwarda l-komputazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti dwar id-danni sofferti minn Salvo Grima & Sons, u riklamati mis-socjeta` assiguratrici appellata. L-appellanti tilmenta mill-fatt li d-danni gew komputati fuq l-*invoice price*, u mhux fuq il-*cost price*. L-i*storekeeper* isostni li hu ma jzommx dokumenti, u fil-fatt ma gew prezentati ebda dokumenti biex juru l-*cost price* tal-oggetti danneggjati, izda esebixxa kopja tal-*invoice* li fiha kienu elenkati l-oggetti li kienu fil-*container* u li hzienu.

Fir-rigward, il-Qorti tosserva li s-socjeta` appellanti ma ssollevat ebda eccezzjoni formali dwar il-komputazzjoni tal-ammonti indikati fl-att tac-citazzjoni, filwaqt li minn naha taghha s-socjeta` appellata strahet fuq l-informazzjoni moghtija lilha mill-assigurat taghha, tenut kont li l-merkanzija ma kinitx fi stat li tigi ezaminata kollha, u ghalhekk gie ezaminat mis-*surveyor* kampjun minn kull prodott.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti meta kkalkulat il-*quantum* tad-danni fuq l-*invoice price*, ghax id-danni li sofriet is-socjeta` assigurata ma jikkonsistux biss fil-prezz li hallset ghall-ikel, izda wkoll fix-xoghol li sar mill-istess socjeta` tramite l-impjegati taghha sabiex wasslet il-

merkanzija ghand il-Medserv, u l-qliegh li kienet ser taghmel.

L-istitut dwar id-danni civili ghandu bhala skop tieghu dak li, fl-impossibilita` ta' *restitutio in integrum*, il-persuna li sofriet id-danni tinghata kumpens ghal dak kollu li tilfet. F'dan il-kaz, dak li tilfet il-kumpanija huwa l-*invoice price*, li jinkludi l-*cost price*, ix-xoghol li sar, u l-profitt li kienet ser taghmel li kieku l-merkanzija waslet fid-destinazzjoni kif suppost.
Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell limitatament fis-sens li l-ispejjez ta' l-ewwel istanza relattivi kemm ghas-socjeta` appellata H. Mifsud & Sons Ltd, kif ukoll tas-socjeta` Medserv Limited fil-kwalita` taghha personali u li gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju, ikunu a karigu tas-socjeta` appellanti ghan-nom tas-socjeta` estera AGIP, filwaqt li l-kumplament tal-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet; tichad l-appell ghall-bqija, u f'dan is-sens tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez ta' dan l-appell ikunu a karigu tas-socjeta` appellanti.

Spejjez a karigu tas-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------